MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 507/2011

**JIT Trading Limited**
**(C – 20561)**

**vs**

**Dr. Joseph Ellis LL.D. u l-PL Peter Paul Zammit li b'digriet tas-17 ta' Frar, 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-imsiefra Diane Xuereb**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat l-24 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi Diane Xuereb inkarigat lis-socjeta` rikorrenti biex tezegwixxi xoghlijiet ta' kostruzzjoni u "*finishings*" fil-fond indikat fl-istess rikors promotur;

2. Illi dawn ix-xoghlijiet gew debitament esegwiti skont il-ftehim u huma tal-valur komplessiv ta' sittax –il elf, tlett mija u sebgha u tmenin Ewro u hamsin centezmu, (€16,387.50), inkluz it-taxxa hemm ukoll indikata;

3. Illi ghalkemm interpellata, l-intimata Diane Xuereb baqghet inadempjenti;

4. Illi llum l-istess l-intimata hi assenti minn Malta u ghalhekk ittiehdu l-proceduri fil-konfront ta' kuraturi deputati fejn is-socjeta` rikorrenti qed titlob lil din il-qorti biex:

i. Tiddikjara lill-intimata Diane Xuereb debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sittax –il elf, tlett mija u seba' u tmenin Ewro u hamsin centezmu, (€16,387.50), ghax-xoghlijiet involuti fil-fond fuq riferit, liema xoghol sar fuq inkarigu tal-istess intimata;

ii. Tikkundanna lill-istess intimata ndikata fil-paragrafu precedenti biex thallas dan l-ammont hawn indikat ukoll fl-istess paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

iii. Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-istess intimata fl-imsemmi rikors promotur;

Rat ir-risposta tal-intimati kuraturi deputati datata t-2 t'Awwissu, 2011, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni odjerna hi preskritta a tenur tal-artikoli 2148 (a) u 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fil-meritu, m'humiex edotti mill-fatti;

Semghet ix-xhud prodott;

Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluza n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-2 t'April, 2012;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimata Xuereb qabbdet lis-socjeta` rikorrenti biex teffettwa xoghlijiet ta' kostruzzjoni u "*finishings*" fil-fond indikat fir-rikors promotur;

2. Illi x-xoghlijiet in dizamina gew ezegwiti mis-socjeta` rikorrenti skont is-sengha u l-arti;

3. Illi ghalkemm l-intimata Xuereb dejjem assikurat lis-socjeta` rikorrenti baqghet inadempjenti;

4. Illi di piu`, jirrizulta li l-istess intimata telqet minn Malta u nfurmat lis-socjeta` rikorrenti li l-papa` taghha kien ser jaghmel tajjeb ghall-ammont minnha dovut;

5. Illi nonostante diversi tentattivi biex kemm l-intimata de quo, kemm il-papa` taghha jaghmlu tajjeb ghax-xoghlijiet in dizamina, dawn xorta evitaw li jeffettwaw il-pagamenti minnhom dovuti;

Ikkunsidrat:

Illi l-preskrizzjoni allegati mill-intimati kuraturi deputati qatt ma gew minnhom indirizzati in atti u ghalhekk ma jistax jigi ritenut li gew pruvati;

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-twegibiet tal-kuraturi deputati ntimati stante li mhux pruvati, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-intimata Diane Xuereb debitrici tas-socjeta` rikorrenti JIT Trading Limited fl-ammont ta' sittax –il elf, tlett mija u seba' u tmenin Ewro u hamsin centezmu, (€16,387.50), ghax-xoghlijiet involuti fil-fond riferit fir-rikors promotur, liema xoghlijiet saru fuq inkarigu tal-intimata Diane Xuereb;

2. Tikkundanna lill-istess intimata fuq indikata biex thallas dan l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti hemm ukoll indikata;

3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors promotur kontra l-imsemmija ntimata Diane Xuereb.

_______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------